# Il-Vara ta' Santa Marija – Gudja

**kitba ta' Martin Gravina**

Il-Vara ta' Santa Marija li nsibu fir-rahal tal-Gudja hija xoghol fl-injam ta' Vincenzo Dimech (1768-1831) u nhadmet fis-sena 1807. Sa llum ma nstab l-ebda rikors fil-Kurja Arċiveskovili jew xi dokumentazzjoni fl-arkivju Parrokkjali tal-Gudja fuq din il-vara. L-unika dokumenti li jiverrifikaw dan huma – *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo scitta da Achille Ferres 1866* u *Lis-Storia ta' Malta bil-Gzejjer taħha – Pietro Paolo Castagna 1888.* Il-benefattur tal-vara tal-Gudja kien saċerdot mill-istess raħal Dun Tumas Zammit (1729-1810). Wieħed jista ukoll isemmi ix-xebħ li hemm f'din il-vara mal-Madonnina ta' Milan li kienet inħadmet minn Giuseppe Perego fis-sena 1774, għall-kattidral ta' Milan.

## Ir-Restawr u r-Ritorn tal-Vara fl-1948

Fit-12 ta' Settembru 1947 il-kappillan tal-Gudja Dun Anton Rapa ippreżenta żewġ rikorsi għal xogħol li kellu jsir fuq il-vara ta' Santa Marija. Ir-rikors kien jgħid li bejn wieħed u ieħor sittin sena ilu l-istatwa li tinsab fil-parroċċa tal-Gudja kienet modifikata fil-mantell tagħha. L-iskultur Antonio Sciortino (1879-1947) ippreżenta disinji tal-korrezzjoni meħtieġa, u fil-personalità tiegħu inkariga l-alliev tiegħu Gużeppi Galea tar-Rabat biex jagħmel ix-xogħol taħt id-direzzjoni tiegħu. Ix-xogħol mill-ġdid ta' l-induratura sar mid-Ditta Coleiro tal-Belt Valletta.

Ir-ritorn tal-vara fil-parroċċa tal-Gudja kien sar bl-akbar pompa kif kien ippjanat mill-kumitat li kien waqqaf il-kappillan Dun Anton Rapa. Il-Ħadd 8 ta' Awissu kienet ġurnata li wieħed seta' jqisa ta' festa għall-poplu Gudjan, Mill-Belt Valleta il-vara kienet ġiet meħudha ġewwa l-Palazz ta' Bettina. Il-programm beda billi fil-għaxija l-funzjoni bdiet b'għasar tal-Madonna minn Dun Alwiġ Cilia. Fis-sitta ta' fil-għaxija il-Banda La Stella, flimkien mal-kor tat-tfal bniet, kienu ippreparati fil-portiku tal-Palazzz ta' Bettina sabiex jieħdu sehem f'din id-dimostrazzjoni. Imbagħad bil-vara merfugħa mill-benefatturi u delettanti imxew eżatt wara l-banda lejn il-knisja parrokkjali fost murtali, trikkitrakki, sfafar u gassijiet fit-triq prinċipali u minn fuq il-bjut.

Kien għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' fil-għaxija meta mill-parroċċa ħarġet purċissjoni sabiex jiltaqgħu mal-vara ħdejn il-knisja ta' Santa Katerina. Minn hemm, imxew bil-vara lejn il-knisja akkompanjati bil-banda.

Meta l-vara waslet quddiem il-knisja, il-Banda La Stella daqqet l-Ave Marija u innijiet oħra tal-Madonna akkompanjati mill-kant tat-tfal. Minn fuq pulptu mwaqqaf fuq iz-zuntier għal din l-okkażjoni, Monsinjur C. Bonnici D.D., bierek il-vara u għamel diskors ta' l-okkażjoni. Wara din il-funzjoni il-vara ġiet imdawwra mal-pjazza kollha bl-innijiet u marċi brijuzi li kienet qegħda ddoqq il-banda. Il-funzjoni reliġjuża tkompliet fil-knisja parrokkjali x'ħin daħlet il-vara fejn tkantat is-Salve, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali. Fl-aħħar il-festa ġiet fit-tmiemħa bil-logħob tan-nar ta' l-art fil-pjazza.

## Ir-Restawr u r-Ritorn tal-Vara fl-1987

F'Jannar 1987 il-kappillan Dun Ġużepp Sultana ippreżenta rikors biex il-vara jsirilha restawr meħtieġ liema spiża kellha tkun ta' madwar Lm600. Ix-xogħol fir-restawr ta' l-induratura tal-vara u tal-pedistall sar mid-ditta Colerio tal-Belt, w iż-żebgħa tal-karnaġġjon saret mill-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi. F'dan ir-restawr it-tliet puttini li nsibu fil-vara u li kellhom wiċċhom indurat ingħataw il-karnaġġjon.

Hija nġabet minn għand l-induratur nhar l-4 t'Awissu wara nofs in-nhar fejn ittieħdet fil-palazz ta' Bettina u tqegħdet fil-kappella tiegħu. L-għada kien jum ta' festa għar-ritorn tagħha lejn il-knisja parrokkjali. Iż-żewġ baned tal-Gudja "La Stella" u "Our Lady of Consolation" fis-sebgħa ta' fil-għaxija għamlu programm ta' marċi fin-naħa tal-*Housing Estate* u naħa tal-palazz, sakemm nofs siegħa wara bdew jikkumpanjaw il-vara minn ħdejn il-palazz. Fil-ħin li kienet għaddeja din il-manifestazzjoni, żagħżugħ mis-Siġġiewi li kien qiegħed jarma il-koppla tal-knisja parrokkjali waqa' minn għoli ta' żewġ sulari u ġie fuq il-bejt tan-naħa tal-kampnar ta' William Baker. Huwa kien ittieħed immedjatament l-isptar San Luqa b'ambulanza fejn kien jinsab li kien fil-periklu tal-mewt. Dan l-inċident wassal biex it-tkomplija tal-manifestazzjoni issir mingħajr daqq ta' marċi.

Meta il-vara waslet fuq iz-zuntier kienet ġiet imbierka mill-kleru, intqalet talba lill-Madonna u fl-aħħar sar logħob tan-nar. Din il-festa kienet ġiet fit-tmiemha b'ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Vara Llum

Wara għoxrin sena mill-aħħar restawr li sar, inħass il-bżonn li jerġa jsir intervent ta' restawr fuqha. Għalhekk ix-xogħol ingħata lis-Sur Horace Farrugia ta' l-Imdina, filwaqt li xogħol fuq il-fidda ingħata lis-Sur Johnny Bartolo. Dan ħabat ukoll ma' l-okkażjoni tat-tieni ċentinarju tal-vara.


**Referenzi:**

Arkivju Parrokkjali Libr. Bapt. Gudja 1676 -1739 Vol.2 fol. 166

Arkivju Parrokkjali Libr. Def. Gudja 1800-1855 Vol.5 fol. 40, 41

Kurja ta' l-Arċisqof, Furjana Suppliche 1947 Vol. 3 p.498

Kurja ta' l-Arċisqof, Furjana Suppliche 1948 Vol 2 p.285

Arkivju Parrokkjali Gudja Libro – Cassa Sedie Chiesa Gudia- Esito 1931-1948

Arkivju Parrokkjali Gudja Libro Introito / Esito 1946 -1949

Leħen is-Sewwa 11 ta' Awissu 1948

Socjetà Filarmonika La Stella Festa ta' Marija Assunta 1993

Kurja ta' l-Arċisqof, Furjana Suppliche 1987

L-Orizzont 7 t'Awissu 1987



**Radd il-Ħajr:**

Mons. Carmelo Zammit, kanċillier, Kurja ta' l-Arċisqof, Furjana

Fr. Martin Cardona, Arċipriet tal-Gudja

Profs. Oliver Friġġieri